MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2012

Numru. 304/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond J. Borg]**

**vs**

**Abdelati Bashir Sowa**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdelati Bashir Sowa denentur tal-karta tal-passaport Libjan numru 764115.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Gunju, 2012 gewwa l-Imqabba, kif ukoll f'dan l-ahhar xahar, f'hinijiet differenti, u f'diversi postijiet diversi madwar Malta:-

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ghal dawn l-ahhar hames snin, f'hinijiet differenti u f'diversi postijiet madwar Malta:

3. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali bis-shha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuza kif dedotta kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat il-Kap. 101, disposizzjoni 4 u 6, GN 292/1939 u l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, tikkundannah ghal erba' (4) snin prigunerija flimkien ma' multa ta' tlett elf Ewro (€ 3,000).

Inoltre l-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs li jaghti l-facilita` kollha lill-imputat sabiex jirriabilita ruhu kontra l-vizzju tad-droga.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita illum mill-prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------